# MAURICE GEORGE AGIUS (20.5.1921-)

Maurice George Agius twieled f'tas-Sliema, iben Edward Agius u Mary Stivala.

Huwa tgħammed minn Reverendu Amadeo Bonello fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris, jumejn wara fit-22 ta' Mejju 1921, u ngħata l-ismijiet ta' 'Maurice, George, Philip, Robert, Herbert' (skont *il-Ktieb tal-Magħmudija* fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris f'tas-Sliema) u dawk ta' Maurice, George u Antonio' skont ir-Reġistru Pubbliku fil-Belt Valletta.

Huwa kien ir-raba' minn għalla ta' sitt ulied.

Missieru kien negozjant imexxi *biżnis tal-familja* u kien esportatur taż-żerriegħa. Ommu kienet mara tad-dar. Huwa kien nisel tad-dinastija Agius magħrufa bħala 'Tal-Bużnakk' li oriġinat fin-Naxxar. Oħtu l-kbira 'Tessie' daħlet Soru fil-Kunvent tas-Sacred Heart u kienet Headmistress fir-Rosary School fi Vjal il-Qalb ta' Ġesù f'San Ġiljan.

Maurice George (jew Maurice fil-qosor) trabba f'residenza (aktar tard lukanda) fin-n.81 (li nbidel fin-n.96), fit-Terrezza ta' Windsor, f'tas-Sliema.

Maurice kien edukat fis-St Joseph School, fi Triq il-Kattidral, fl-istess belt pittoreska u kummerċjali. Imbagħad, huwa attenda fil-Liċeo, l-ewwel klassijiet fi Triq Kristofru, fil-Belt Valletta, u wara fi Triq il-Merkanti, fl-istess Kapitali. Huwa ssokta wkoll bl-istudji tiegħu fl-Università Rjali ta' Malta.

Maurice ingaġġa mas-Suldati tar-Riserva (n.6135) magħrufin bħala Territorials tal-King's Own Malta Regiment (KOMR) f'Ġunju tal-1939.

Huwa kien għadu student fl-Alma Mater u beda jmur għal-lectures tal-mediċina liebes l-uniformi tal-Armata.

Huwa tħalla jitlaq mill-KOMR fuq raġunijiet ta' kompassjoni f'Ottubru tal-istess sena ukoll għaliex ma tawhx il-permess li jxidd il-libsa militari tax-xitwa.

Maurice daħal fis-servizz mingħajr ma informa lil missieru Edward li min-naħa tiegħu aċċetta d-deċiżjonijiet ta' ibnu.

Maurice kellu destin ieħor miktub għalih li xorta kien wieħed ta' konsolazzjoni.

Min-naħa l-waħda, Maurice xorta waħda spiċċa ma joqgħodx għall-eżamijiet terzjarji li kienu skedati għall-11 ta' Ġunju 1940, *billi* huwa kien mgħarraf mill-Professur Robert Victor Galea, ir-Rettur ta' dak iż-żmien, fil-preżenza ta' istudenti oħrajn fl-Awla Manja, li l-ogħla istituzzjoni edukattiva tal-pajjiż kellha tagħlaq il-bibien minħabba l-istat ta' emerġenza li l-Gvern Ingliż impona fuq Malta hekk kif l-Italja ħabbret gwerra kontra l-Ingilterra u Franza sewwasew ġurnata qabel.

Min-naħa l-oħra, Maurice rritorna lura lejn il-ħajja tar-Reġiment billi kien ri-ingaġġat bħala Uffiċjal Regolari bl-istess numru (n.6135) mal-KOMR ġranet wara fl-1940.

Maurice ma damx jaħsibha biex japplika mar-Royal Malta Artillery (RMA) u kien kummissjonat fil-grad ta' Logutenent tat-Tieni Klassi (n.178397) fl-14 ta' Diċembru 1940.

Maurice serva bħala Fizzjal mas-2nd Heavy Anti-Aircraft (HAA) Regiment, Malta, mill-1940 sal-1943 u bħala Ajjutant fl-1944.

Sadanittant, huwa attenda korsijiet ta' taħriġ fl-Anti-Aircraft Command fir-Renju Unit fl-1944.

Maurice wettaq il-qadi ta' dmirijietu f'gunposts fl-erba' rkejjen ta' Malta u li kienu jvarjaw minn Bengħajsa (Birżebbuġa) u Tignè (tas-Sliema) sal-Beżbeżija (fil-limiti tal-Mosta), id-Dwejra (qrib ir-Rabat ta' Malta) kif ukoll Għajn Tuffieħa (L-Imġarr).

Inevitabilment, Maurice kien dejjem fil-qalb tal-azzjonijiet speċjalment fil-quċċata tal-bumbardamenti kwotidjani tal-Assi

Inċidentalment, huwa kellu taħt idejh il-batterija ta' erba' kanuni fil-Beżbeżija mibdula f'maħżen mill-RMA ftit qabel hija żarmat u l-Forzi Armati ta' Malta ħadet postha fl-1970. Barra minn hekk, Maurice nnifsu ġabar l-iskrun ta' junker Ġermaniż JU87B minn Bengħajsa, fejn kien kraxxja, biex jittrasferih għal 'Ta' Karaġ', f'Ħal Far, fejn baqa' mal-RMA sakemm ittieħed bħala relikwa tat-Tieni Gwerra Dinjija fil-Mużew tar-Royal Air Force (RAF) f'Ta' Qali.

Maurice kwalifika bħala Radar and Gunnery Instructor fl-Iskola tal-Artillerija f'Manorbier, fin-Nofsinhar ta' Wales fl-1947, u kien Staff Captain fil-Kwartieri tal-Malta Garrison fl-1952-53. Imbagħad, huwa gradwa f'Staff College ta' Camberley, f'Surrey fl-Ingilterra, fl-1954, u ntbagħat fil-General Staff Office fejn okkupa tliet Staff Duties fi ħdan il-War Office, f'Whitehall, f'Londra mill-1955 sal-1957, kif ukoll inħatar bħala Deputat Assistent Ajjutant u Quartermaster General fid-District Headquarters fiċ-Ċirenajka (il-Libja) fl-1958-59 u f'dawk tal-British Army of the Rhine, fil-Ġermanja, fl-1959-61.

Maurice kien Battery Commander fit-3rd Battery RMA f'Dortmund, fil-Ġermanja (1961-63) u Brigade Major RMA (1963-65).

Maurice kien saħansitra appuntat General Officer II (Commanding Liaison

Maurice George Agius fil-bidu tal-karriera militari tiegħu
(c) Albert Agius, iben il-Maġġur Maurice George Agius



>> ikompli f'paġni 18 u 19

» ikompli minn paġni 18 u 19

Officer) tal-Malta Land Force fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ta' Malta (1965-68) wara li Malta kisbet l-Indipendenza fl-1964.

Huwa rtira mis-servizz militari wara kważi tletin sena fl-1968.

Madanakollu, huwa kien għadu mimli enerġija u lest li jipproċiedi b'attivitajiet marbutin mal-karriera li kien għadu kif temm.

Huwa kien qiegħed joqrob l-età ta' 50 sena iżda kien bħallikieku se jibda kollox mill-ġdid.

Maurice kien Direttur Ġenerali tal-Malta Memorial District Nursing Association (M.M.D.N.A.) mill-1968 sal-2000 filwaqt li kien President tar-Royal Malta Artillery Association għall-kumplament ta' ħajtu.

Huwa kien jopera mill-uffiċċju tal-M.M.D.N.A. sewwasew quddiem l-Iskola tal-Convent of the Sacred Heart f'San Ġiljan.

Huwa kien wieħed mill-membri-fundaturi tal-Fergħa Lokali tal-George Cross Island Association (G.C.I.A.) li twaqqfet biex tikkommemora kull sena ċ-ċittadini kollha, bla distinzjoni, li kienu sfaw midrubin jew magħtubin, jew kienu saħansitra spiċċaw maqtulin bħala riżultat tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Huwa spikka bħala wieħed fost tal-ewwel li ta kontribut personali biex isir is-Siege Bell Memorial fil-Belt Valletta.

Il-Maġġur Agius rċieva numru ta' dekorazzjonijiet, jiġifieri l-'Africa Star', in-'1939-45 Star', id-'Defence Medal' kif ukoll l-'Efficiency Service Medal' mill-Gvern Ingliż.

Huwa ngħata wkoll il-'Malta George Cross 50th Anniversary Medal' mill-Istat Malti fil-15 ta' April 1994, u kiseb ir-'Re-Union & 60th Commemoration of Victory in Malta in World War II' minn Għaqda ta' Veterani Lokali tat-Tieni Gwerra Dinjija fl-2006.

Huwa dejjem ħares lejn l-għoti tal-George Cross lill-Maltin bħala "unur kbir".

Maurice kiteb diversi drabi fil-ġurnal bl-Ingliż 'The Sunday Times of Malta' l-aktar wara li huwa rtira mis-servizz militari. Madanakollu, huwa kien qabeż id-disgħin sena tiegħu meta ddeċieda li jimbarka fuq il-kitba tal-awto-bijografija tiegħu tat-Tieni Gwerra Dinjija, jew aħjar tal-esperjenzi personali u tat-tiġrib nazzjonali kif kien jiftakarhom bħala Gunner mal-RMA matul it-Tieni Assedju ta' Malta bejn l-1940 u l-1945: 'Recollections of a Malta HAA Gunner'.

Maurice kien kburi li r-reżistenza li kienet uriet art twelidu kienet eżempju ta' ispirazzjoni kbira fi ġrajjiet l-umanità.

Huwa niseġ narrativa bi stil tabilħaqq mexxej u viżiv.

Huwa għamilha ċara li huwa u t-truppa tiegħu ta' madwar sebgħin persuna għexu fl-aktar żoni kastastrofiċi mnejn wettqu viżibilju ta' sparaturi lejn ajruplani Taljani u Ġermaniżi matul iżjed minn 3,000 air raid.

Maurice ma qagħadx idur mal-lewża u rrimarka iswed fuq l-abjad, b'wiċċu minn quddiem, li huwa kien privileġġjat u onorat li ta sehmu spalla ma' spalla ma' rġiel tassew qalbiena f'mumenti fejn il-minġel tal-mewt kien il-ħin kollu fuq rashom filwaqt li l-bliet u l-irħula kienu bumbardjati lejl u nhar.

Huwa saħaq li r-Re Ġorġ VI kien personalment ċempel lill-Gvernatur f'Malta biex jassumi l-Colonelcy-in-Chief tal-RMA b'rikonoxximent għall-kapaċità u għad-determinazzjoni tar-Reġiment.



Maurice George Agius jiddandan bl-uniformi militari tiegħu
(c) Albert Agius, iben il-Maġġur Maurice George Agius

Huwa fakkar li r-Re tar-Renju Unit kien għamel dan il-ġest qabel il-Gran Brittanja tat il-George Cross lil Malta.

Il-Maġġur Agius kien enfatiku li l-RMA kienet qamet fuq tagħha permezz tal-armamenti għal tliet snin sħaħ u żammet soda u newtralizzat il-Lufwaffe li tqieset bħala l-flaġell tal-Ewropa matul il-kunflitt armat internazzjonali (1939-45).

Major Agius semma fit-tifkiriet tiegħu, u bi prominenza, tliet episodji importanti li kienu seħħew fl-istess Blitzkreig.

L-ewwel nett, huwa jfakkar il-bumbardament tas-16 ta' Jannar 1941 meta huwa kien viċin ħafna tal-Berġa ta' Kastilja fil-Belt Valletta u kien xhud ta' wieħed mill-iżjed air-raids kbar u vjolenti meta dive bombers attakkaw it-Tarzna għaliex fiha kien idaħħal l-aircraft-carrier HMS Illustrious għat-tiswija.

It-tieni, huwa jirreferi għar-rivitalizzazzjoni tal-



Maurice u Sheila fil-ġurnata taż-żwieġ tagħhom waqt li ħerġin mill-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor, tas-Sliema fit-28 ta' Novembru 1946
(c) Andrew Agius, iben il-Maġġur Maurice George Agius

pajjiż meta l-Allejati marru fuq l-offensiva b'ritaljazzjoni mal-wasla tal-konvoj 'Operation Pedestal' popolarment magħruf bħala 'Ta' Santa Marija' u li kien jikkonsisti f'bastiment ewlieni, jiġifieri t-tanker Amerikan ta' kobor liema bħalu blisem 'SS Ohio' flimkien ma' erba' vapuri tal-merkanzija li rnexxielhom jisgiċċaw l-attakki tal-Assi biex daħlu fil-Portijiet ta' Malta bi provvisti taż-żejt ta' valur *kbir u b'tunnellati ta' fornituri* oħrajn fil-15 ta' Awwissu 1942.

Fl-aħħar, huwa jsemmi b'sogħba l-mewt tal-Warrant Officer Carmelo Zahra mir-Rabat ta' Malta li nqatel fl-inħawi tal-Ħemsija sewwasew biswit il-bieb iżżgħir taċ-Ċimiterju Militari kif ħalla l-Mitjar ta' Ta' Qali fit-23 ta' Mejju 1942.

Huwa kien ilu jaf lil Zahra bħala Troop Commander fil-Batterija Tal-Beżbeżija għal xi xahar iżda ħass it-telfa tiegħu daqslikieku kien ħabib tiegħu għomru u żmienu.

Huwa baqa' jżomm il-ħbiberija li kellu sa minn ċkunitu ma' Marcel Bianchi, li aktar tard kien l-avukat tal-fiduċja tiegħu.

Maurice lagħab il-futbol fil-pożizzjoni ta' right-winger ta' timijiet tal-minors ta' Tarxien Rainbows u Melita F.C. iżda l-aħħar logħba tiegħu kienet l-inkontru ta' ħbiberija ma' Staff College ta' Camberley kontra s-Surrey Public School u kien wieħed mill-plejers li skurjaw. Maurice lagħab ukoll mas-Sliema Waterpolo Club fil-League tal-Under 18.

Huwa kellu passatempi oħrajn fosthom it-tennis u l-ġardinaġġ.

Maurice ngħaqad fiżżwieġ ma' Sheila Chalmers fil-preżenza ta' Patri Wistin Born O.P. fil-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor f'tas-Sliema fit-28 ta' Novembru 1946.

Maurice baqa' jiftakar b'għożża kbira aneddotu singulari fil-perjodu li huwa kien wera interess fil-maħbuba tiegħu fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Huwa kien qiegħed ibill fit-tè kif kienu flimkien fil-Korsa tal-Marsa meta huwa kellu dlonk jispara xi kanuni lejn bċejjeċ tal-ajru tal-għadu minħabba air raids li bdew ifaqqgħu spontanjament.

Huwa skuża lilu nnifsu magħha iżda r-risposta tagħha kienet jekk ridhiex tferralu t-tieni kikkra!

Maurice u Sheila kellhom tliet ulied li kienu Andrew, Frances u Gillian.

Maurice u l-familja kienu joqogħdu fi Triq Norfolk, f'tas-Sliema, għal numru ta' snin filwaqt li huwa u l-mara kienu barra minn Malta darbtejn skont fejn huwa kien imsejjaħ biex iservi. Mill-bqija, Maurice u l-familja kienu residenti fiddar ġdida bl-isem 'Il-Quċċata', Sqaq Żbibu, San Ġwann (l-Imsieraħ), u li huma bnew fl-1967.

Maurice ta' kważi 100 sena huwa wieħed millMaltin veterani sopravviventi tat-Tieni Gwerra Dinjija li għadu mhux biss mimli bl-għomor iżda għadu mżejjen b'moħħ mill-aktar *luċidu u mill-iżjed inċisiv*, speċjalment meta jirrakkonta vividament ir-Rikordji tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-Istorja ta' Malta fl-epoka riċenti.

Maurice huwa supporter kbir tal-Manchester United u l-bedspread hija l-istemma tat-tim Ingliż.

Pubblikazzjonijiet:

2008: *Recollections of a Malta HAA Gunner* (Allied Publications);

Artikli f'Ġurnali:

2013: 'Remembering the Royal Malta Artillery's forgotten thousands', *The Sunday Times* (14.iv.2013);

2014: 'Malta's WWII resistance was an inspiring example. The Royal Malta Artillery – honoured on the field of battle – Part 2', *The Sunday Times* (30.iii.2014);



Maurice f'ritratt riċenti
(c) Andrew Agius, iben il-Maġġur Maurice George Agius

Biblijografija:

Reġistru Pubbliku, Valletta, Malta, Twelidijiet 3985/1921; Żwiġijiet 1852/1946; Arkivju tal-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris, tas-Sliema, Reġistru tal-Magħmudijiet, Volum XI, paġna 111; *Malta Who's Who. A Biographical Dictionary 1964/70* (Progress Press Co.Ltd, 1964/70); Kim Dalli, 'For our tomorrow, war veterans gave their today', *The Times* (16.iv.2013); Albert Galea, 'When you're defending your country, surrendering doesn't even cross your min', *The Malta Independent* (15.viii.2018); il-Maġġur Maurice George Agius, komunikazzjonijiet personali (5.vii.2019/13.7.2020); Andrew Agius, iben il-Maġġur Maurice George Agius (3.vii.2020); Denis Darmanin (13.vii.2020).



Maurice u s-Sinjura Agius
(c) Andrew Agius, iben il-Maġġur Maurice George Agius



Il-Maġġur Maurice George Agius ta' 99 sena mal-awtur il-Professur Raymond Mangion (13.vii.2020)
(c) Andrew Agius, iben il-Maġġur Maurice George Agius